**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 230/17 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat CB iżżewġu fis-6 ta' Novembru 2004 (kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ mehmuża '**Dokument A**');

2. Illi mill-istess żwieġ, fl-20 ta' Lulju 2005 twieled SB li se jagħlaq tnax-il (12) sena;

3. Illi ż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment u fis-7 ta’ Jannar 2013, il-partijiet isseparaw legalment permezz ta' att fl-atti tan-Nutar Josef Masini Vento (kopja mehmuża '**Dokument B**');

4. Illi b'hekk il-partijiet ilhom aktar minn erba’ (4) snin separati legalment, u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta’ rikonċiljazzjoni fil-futur;

5. Illi kif jirriżulta mill-att ta’ separazzjoni, il-kura u l-kustodja tat-tifel minuri hija fdata f’idejn l-esponenti, u sa llum il-Partijiet dejjem imxew ma’ dak miftiehem fl-att ta’ separazzjoni f’dan ir-rigward. L-intimat dejjem ottempora ruħu mill-pagament tal-manteniment fix-xahar għall-minuri kif miftiehem fl-att, u qatt ma kien hemm xi diżgwid dwar l-aċċess.

6. Illi b’hekk m’hemm ebda kwistjoni u/jew pendenza bejn il-Partijiet.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il- Qorti m’ghandhiex :

(i) Tiddikjara ż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet, li seħħ fis-6 ta’ Novembru 2004, bħala żwieġ maħlul (divorzju) għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; (Art. 66A(1), Kap. 16)

(ii) Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku. (Art. 66A(4), Kap. 16)

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Lulju, 2017;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma wiegibx, u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Jannar 2013 u ghalhekk ilhom aktar minn erba' snin legalment separati de facto, kif ukoll legalment;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.